KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SHARPSTON
ippreżentati fit-12 ta' Ġunju 2014[1]

Kawża C-51/13

Nationale-Nederlanden Levensverzekering Mij NV
vs
Hubertus Wilhelmus van Leeuwen

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank Rotterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi)]

"Assigurazzjoni għall-ħajja — Obbligu li tingħata informazzjoni — Informazzjoni dwar il-primjum"

1. Nationale-Nederlanden Levensverzekering Mij NV (iktar 'il quddiem "Nationale-Nederlanden" jew l-"assiguratur") u H.W. Van Leeuwen ikkonkludew kuntratt ta' assigurazzjoni għall-ħajja (iktar 'il quddiem il-"kuntratt ta' assigurazzjoni għall-ħajja") li kien ġie iffirmat fid-29 ta' Frar 2000 iżda li kien daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 1999. H.W. Van Leeuwen huwa d-detentur tal-polza u l-persuna assigurata. Skont il-kuntratt ta' assigurazzjoni għall-ħajja, il-primjum għandu jintuża kemm għall-assigurazzjoni għall-ħajja kif ukoll għal investiment. Liema parti mill-primjum tiġi investita hija ddeterminata mill-użi l-oħra tal-primjum sabiex ikunu koperti l-ispejjeż u r-riskju assigurat. Il-valur tal-ishma fil-fondi ta' investiment minn naħa tiegħu jaffettwa l-benefiċċju li jinkiseb mill-kuntratt. Qamet tilwima dwar jekk, qabel il-konklużjoni tal-kuntratt ta' assigurazzjoni għall-ħajja, H.W. Van Leeuwen irċeviex informazzjoni suffiċjenti dwar dawk l-użi l-oħra tal-primjum u dwar il-parti li kellha tkun investita. F'dak il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja qed tintalab tinterpreta l-Artikolu 31 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/96/KEE (iktar 'il quddiem it-"Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja")[2], applikabbli fiż-żmien tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' assigurazzjoni għall-ħajja.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Direttiva tal-Kunsill, tal-10 ta' Novembru 1992, li tikkoordina l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi relatati mal-assigurazzjoni diretta għall-ħajja, u li temenda d-Direttivi 79/267/KEE u 90/619/KEE (it-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja) (ĠU L 360, p. 1). Din id-direttiva kienet ġiet emendata diversi drabi qabel ma kienet ġiet imħassra permezz tad-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Novembru 2002, li tikkonċerna l-assigurazzjoni fuq il-ħajja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 6, p. 3). Din l-aħħar direttiva stess ġiet imħassra permezz tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009, dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, p. 1). Annessi mat-talba għal deċiżjoni preliminari kien hemm żewġ sentenzi interlokutorji tal-qorti tar-rinviju, tal-14 ta' Marzu u tal-11 ta' Lulju 2012 li jiena wkoll bbażajt ruħi fuqhom meta stabbilixxejt l-isfond fattwali (ara l-punti 11 u 12 iktar 'il quddiem).

Id-Direttivi tal-UE dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja

It-Tieni Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja

2. Id-Direttiva tal-Kunsill 90/619/KEE (iktar 'il quddiem it-"Tieni Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja")[3] emendat u ssupplimentat l-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 79/267/KEE (iktar 'il quddiem l-"Ewwel Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-Ħajja")[4], li kienet tkopri "l-assigurazzjoni għall-ħajja" [traduzzjoni mhux uffiċjali], iddefinita bħala "l-klassi ta' assigurazzjoni li tinkludi, b'mod partikolari, l-assigurazzjoni għas-sopravivenza sa età stipulata biss, l-assigurazzjoni għall-mewt biss, l-assigurazzjoni għas-sopravvivenza sa età stipulata jew fuq mewt iktar kmieni, l-assigurazzjoni għall-ħajja bir-rendiment ta' primjums, l-assigurazzjoni għaż-żwieġ, [u] l-assigurazzjoni għat-twelid" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. L-Artikolu 1(c) tal-Ewwel Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja kien jiddefinixxi l-"assigurazzjoni supplimentari pprattikata mill-impriżi tal-assigurazzjoni għall-ħajja" bħala "b'mod partikolari, l-assigurazzjoni għal dannu personali inkluża l-inkapaċità għal impjieg, l-assigurazzjoni għal mewt li tirriżulta minn inċident u l-assigurazzjoni għal diżabbiltà li tirriżulta minn inċident jew minn mard, meta dawn il-varji tipi ta' assigurazzjoni huma ssottoskritti b'mod supplimentari mal-assigurazzjoni għall-ħajja"[5] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

3. L-Artikolu 15(1) tat-Tieni Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja, kif emendat bl-Artikolu 30 tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja, kien ifformulat kif ġej:

"Kull Stat Membru għandu jippreskrivi li d-detentur ta' polza li jikkonkludi kuntratt individwali ta' assigurazzjoni għall-ħajja għandu jkollu perijodu ta' bejn 14 u 30 jum minn meta huwa kien ġie informat li l-kuntratt kien ġie konkluż sabiex fih jikkanċella l-kuntratt.

In-notifika ta' kanċellament mid-detentur tal-polza għandu jkollha l-effett li teħilsu minn kwalunkwe obbligu futur li jirriżulta mill-kuntratt.

[…]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

It-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja

4. It-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja, bħat-Tieni Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-Ħajja[6], primarjament kienet intiża sabiex tistabbilixxi suq intern fis-settur tal-assigurazzjoni għall-ħajja, inkluża l-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' assigurazzjoni għall-ħajja[7].

3 — Direttiva tal-Kunsill, tat-8 ta' Novembru 1990, li tikkoordina il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi relatati mal-assigurazzjoni diretta għall-ħajja, li tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet intiżi sabiex ikun iffaċilitat l-eżerċizzju effettiv tal-provvista libera ta' servizzi u li temenda d-Direttiva 79/267/KEE (ĠU L 330, p. 50). It-Tieni Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja ġiet emendata permezz tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja u sussegwentement tħassret permezz tad-Direttiva 2002/83. L-Artikolu 36 u l-partita a(10) tal-punt A tal-Anness III tad-Direttiva 2002/83 huma simili għall-Artikolu 31 u għall-partita a(10) tal-punt A tal-Anness II tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja. Filwaqt li l-Artikolu 185 tad-Direttiva 2009/138 irristruttura u wessa' l-obbligu prekuntrattwali tal-assiguratur li jipprovdi informazzjoni lid-detentur tal-polza, l-Artikolu 185(3)(g) u(7) jinkludi termini simili għal dawk tal-Artikolu 31 u tal-partita a(10) tal-punt A tal-Anness II tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja. Peress li t-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja ġiet irrevokata, jiena ser nirreferi għaliha fil-passat f'dawn il-konklużjonijiet.

4 — L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill, tal-5 ta' Marzu 1979, li tikkoordina l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi relatati mal-aċċess għall-attività tal-assigurazzjoni diretta għall-ħajja, u mal-eżerċizzju tagħha (ĠU L 63, p. 1), kif emendata (u sussegwentement imħassra permezz tad-Direttiva 2002/83).

5 — L-Artikolu 1(1)(a) tal-Ewwel Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja.

6 — Ara, pereżempju, l-ewwel żewġ premessi tat-Tieni Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja.

7 — Ara, pereżempju, l-ewwel żewġ premessi tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja.

5. Il-premessa 9 tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja kienet tipprovdi li "[…] ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva jiddefinixxu standards minimi […]" u li "[…] l-Istat Membru ta' oriġini [8] jista' jistabbilixxi regoli iktar stretti fir-rigward tal-impriżi tal-assigurazzjoni awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu stess" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Skont il-premessa 19, "[...] l-armonizzazzjoni tal-liġi dwar il-kuntratt ta' assigurazzjoni ma hijiex kundizzjoni preliminari għall-attwazzjoni tas-suq intern fl-assigurazzjoni [...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

6. Il-premessa 23 kienet tikkonċerna l-informazzjoni li kellha tingħata lill-konsumatur: [9]

"[…] fil-kuntest ta' suq wieħed tal-assigurazzjoni, il-konsumatur ikollu għażla usa' u iktar varjata ta' kuntratti; […] sabiex huwa jkun jista' jibbenefika kompletament minn din id-diversità u minn kompetizzjoni msaħħa, huwa għandu jkollu l-informazzjoni neċessarja sabiex ikun jista' jagħżel il-kuntratt li jkun l-aħjar adattat għall-bżonnijiet tiegħu; […] din in-neċessità ta' informazzjoni hija iktar u iktar importanti peress li t-tul tal-impenji jista' jkun twil ħafna; […] id-dispożizzjonijiet minimi għandhom għalhekk jiġu kkoordinati sabiex il-konsumatur jirċievi informazzjoni ċara u eżatta dwar il-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti proposti lilu [...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

7. L-Artikolu 1(c) kien jiddefinixxi t-terminu "impenn" [traduzzjoni mhux uffiċjali] bħala "impenn irrappreżentat minn waħda mill-forom ta' assigurazzjoni jew ta' operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1 ta[l-Ewwel Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. L-Artikolu 2(1) kien jippreċiża li t-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja kienet tapplika għall-impenji u għall-impriżi li għalihom kien jirreferi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja [10].

8. L-Artikolu 31 kien jistabbilixxi l-obbligu li tkun ikkomunikata informazzjoni lid-detentur tal-polza:

"1. Qabel ma jiġi konkluż il-kuntratt ta' assigurazzjoni, mill-inqas l-informazzjoni elenkata fil-punt A tal-Anness II għandha tiġi kkomunikata lid-detentur tal-polza.

2. Id-detentur tal-polza għandu jinżamm informat tul it-terminu tal-kuntratt dwar kwalunkwe bidla li tikkonċerna l-informazzjoni elenkata fil-punt B tal-Anness II.

3. L-Istat Membru tal-impenn jista' jeħtieġ lill-impriżi tal-assigurazzjoni jipprovdu informazzjoni supplimentari fir-rigward ta' dik elenkata fl-Anness II biss jekk din tkun neċessarja sabiex id-detentur tal-polza jkun jista' jifhem sewwa l-elementi essenzjali tal-impenn.

4. Ir-regoli ddettaljati għall-implementazzjoni ta' dan l-artikolu u tal-Anness II għandhom jiġu stabbiliti mill-Istat Membru tal-impenn." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

8 — L-Artikolu 1(d) tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja kien jiddefinixxi l-"Istat Membru ta' oriġini" bħala "l-Istat Membru li fih tinstab is-sede tal-impriża tal-assigurazzjoni li tieħu l-impenn" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

9 — Ara wkoll il-premessa 20 tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja, li kienet tirreferi għall-fatt li" […] fil-kuntest ta' suq intern huwa fl-interess tad-detentur tal-polza li huwa jkollu aċċess għall-firxa l-iktar wiesgħa possibbli tal-prodotti tal-assigurazzjoni disponibbli fl-[Unjoni Ewropea] sabiex huwa jkun jista' jagħżel dawk li huma l-aħjar adattati għall-bżonnijiet tiegħu". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

10 — Ara l-punt 2 iktar 'il fuq.

9. L-Anness II kien jelenka l-"informazzjoni, li għandha tiġi kkomunikata lid-detentur tal-polza qabel il-konklużjoni tal-kuntratt (A) jew matul it-terminu tal-kuntratt (B)" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Dik l-informazzjoni kellha tiġi "pprovduta b'mod ċar u eżatt, bil-miktub, f'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru tal-impenn" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. L-Anness II kien jinkludi tabella (il-punt A biss huwa rriprodott hawnhekk):

A. *Qabel ma jiġi konkluż il-kuntratt*

Informazzjoni dwar l-intrapriża ta' l-assigurazzjoni	Informazzjoni dwar l-impenn
(a)1 L-isem ta' l-intrapriża u l-forma ġuridika tagħha	(a)4 Definizzjoni ta' kull benefiċċju u kull għażla
(a)2 L-isem ta' l-Istat Membru li fih l-uffiċju ewlieni u, meta approprjat, l-aġenzija jew il-fergħa li jikkonkludu l-kunratt jinstabu	(a)5 Terminu tal-kuntratt
	(a)6 mezzi biex jiġi terminat il-kuntratt
	(a)7 Mezz ta' ħlas ta' *premiums* u d-durata tal-pagamenti
(a)3 L-indirizz ta' l-uffiċċju ewlieni u, meta approprjat, ta' l-aġenziji jew il-fergħa li jikkonkludu l-kuntratt	(a)8 Mezz tal-kalkolu u d-distribuzzjoni ta' *bonuses*
	(a)9 Indikazzjoni ta' valuri ta' rinunzja u valuri mħallsa u l-estent li għalih huma garantiti
	(a)10 Informazzjoni dwar il-*premiums* għal kull benefiċċju, kemm benefiċċji ewlenija u kemm benefiċċji supplimentari, meta approprjat
	(a)11 Għal poloz marbuta ma' unitajiet, definizzjoni ta' l-untiajiet li huma marbuta magħhom il-benefiċċji
	(a)12 Indikazzjoni tan-natura ta' l-assi bażi għal poloz marbuta ma' unitajiet
	(a)13 Arranġamenti għal applikazzjoni tal-perjodu ta'*cooling-off*
	(a)14 Informazzjoni ġenerali dwar arranġamenti tat-taxxa applikabbli għat-tip ta' polza
	(a)15 L-arranġamenti biex jiġu trattati ilmenti li jikkonċernaw kuntratti minn titolari ta' poloz, ħajjiet assigurati jew benefiċjarji taħt kuntratti, inkluża, meta approprjat, l-eżistenza ta' korp ta' ilmenti mingħajr preġudizzju għad-dritt li jittieħdu proċeduri legali
	(a)16 Liġi applikabbli għall-kuntratt meta l-partijiet m'għandhomx għażla libera jew, meta l-partijiet huma liberi li jagħżlu l-liġi applikabbli, il-liġi li l-assiguratur tal-liġi jipproponi li jagħżel

Id-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi

10. Fiż-żmien tal-konklużjoni tal-kuntratt inkwistjoni[11], kienu japplikaw il-Wet toezicht verzekeringsbedrijf 1993 ("Liġi tal-1993 dwar is-superviżjoni tal-industrija tal-assigurazzjoni") u r-Regeling Informatiestrekking aan verzekeringsnemers 1998 ("Regolament tal-1998 li jirrigwarda l-provvista ta' informazzjoni lid-detenturi tal-poloz") (iktar 'il quddiem ir-"RIAV 1998"). Ir-RIAV 1998 stabbilixxa l-informazzjoni li l-assiguratur kellu jipprovdi lid-detentur tal-polza prospettiv qabel il-konklużjoni tal-kuntratt u li kellha tkun inkluża fil-polza tal-assigurazzjoni. Dawk ir-rekwiżiti speċifiċi ta' informazzjoni kienu japplikaw flimkien mal-prinċipji ġenerali tad-dritt dwar il-kuntratti.

11 — Ara l-punt 1 iktar 'il fuq.

Partikolarment skont ir-RIAV 1998, l-informazzjoni li kellha tiġi pprovduta kienet relatata mal"-impatt tal-ispejjeż u t-tnaqqis imposti fir-rigward tad-detentur tal-polza fuq il-qligħ u l-benefiċċju assoċjati mal-kuntratt" (Artikolu 2(2)(q)) u "jekk applikabbli, l-ispejjeż li setgħu jiġu imposti b'żieda mal-primjum gross" (Artikolu 2(2)(r)). Mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-Artikolu 2(2)(q) ma kienx jeżiġi li l-assiguratur jipprovdi deskrizzjoni ġenerali separata jew ħjiel tal-ispejjeż attwali u/jew definittivi u tal-istruttura tagħhom — li hija t-tip ta' informazzjoni li H.W. Van Leeuwen isostni li huwa kien imissu ngħata [12]. Fl-2008 il-leġiżlazzjoni rilevanti kienet emendata sabiex jiġu imposti rekwiżiti iktar stretti f'dan ir-rigward.

Il-fatti, id-domandi preliminari u l-proċedura

11. Jiena u nistabbilixxi l-isfond fattwali ħadt mill-proċess nazzjonali biex nissupplimenta d-deskrizzjoni limitata tal-fatti inkluża fit-talba għal deċiżjoni preliminari.

12. Qabel il-konklużjoni tal-kuntratt ta' assigurazzjoni għall-ħajja, Nationale-Nederlanden tat lil H.W. Van Leeuwen dokument intitolat 'Voorstel voor flexibel verzekerd beleggen' (iktar 'il quddiem il-"proposta għal investiment flessibbli assigurat") iddatat 11 ta' Ġunju 1999. Miegħu kien hemm mehmuża nota ta' spjegazzjoni.

13. Skont il-kuntratt, H.W. Van Leeuwen kellu jħallas primjum wieħed ta' NLG 8 800 mal-bidu tal-kuntratt u wara primjums ta' kull xahar ta' NLG 200 (Skont H.W. Van Leeuwen, dan jikkorrispondi ma' pagamenti fix-xahar ta' EUR 90.76 jew ma' pagamenti fis-sena ta' EUR 1089.12). Mill-proċess nazzjonali jirriżulta li l-1 ta' Diċembru 2033 tkun l-aħħar data li fiha jkun dovut primjum.

14. Tul kemm idum il-kuntratt, H.W. Van Leeuwen huwa ħieles li jieħu parti mill-valur tal-investiment(i) tiegħu fi flus kontanti bla ħsara għall-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

15. Jekk H.W. Van Leeuwen imut qabel l-1 ta' Diċembru 2033, il-kuntratt joffri żewġ għażliet f'termini ta' benefiċċju. Il-benefiċċju A huwa ammont garantit u fiss ta' NLG 255 000 (madwar EUR 116 000). Il-benefiċċju B huwa s-somma (varjabbli) tal-valur tal-ishma tiegħu f'fondi ta' investiment (abbażi tal-valur ta' dawk l-ishma) mid-data ta' mewtu, b'żieda ta' 10 % ta' dik is-somma. Jekk, fil-mument ta' mewtu, il-benefiċċju B ikun ikbar mill-benefiċċju A, l-ogħla ammont għandu jitħallas lill-benefiċjarji tal-assigurazzjoni għall-ħajja ta' H.W. Van Leeuwen. Għalhekk il-benefiċċju A jistabbilixxi livell minimu għall-benefiċċju li għandu jitħallas f'każ ta' mewt qabel l-1 ta' Diċembru 2033.

16. Jekk H.W. Van Leeuwen imut fl-1 ta' Diċembru 2033 jew wara, għandu jitħallas il-benefiċċju B. Il-benefiċċju A mbagħad ma jservix iktar bħala benefiċċju minimu garantit.

17. H.W. Van Leeuwen seta' jagħżel f'liema fondi jinvesti. Qabel ma kkonkluda l-kuntratt, huwa ngħata illustrazzjonijiet tar-rendiment mistenni (fuq bażi annwali) skont tbassir differenti dwar kif l-investiment kien ser jiżvolġi u b'teħid inkunsiderazzjoni tal-ħtieġa li jitħallsu l-ispejjeż ta' ġestjoni ta' 0.3 %. Dawk l-eżempji, li kienu inklużi fil-proposta għal investiment flessibbli assigurat, kienu jindikaw ir-rendiment kemm f'perċentwali, kif ukoll f'somom kapitali. H.W. Van Leeuwen kien ġie magħruf li l-ammonti inklużi f'dawn l-eżempji kienu "nett", jiġifieri kienu ħadu inkunsiderazzjoni wkoll primjums għal riskji assigurati u spejjeż li kienu jinżammu mill-assiguratur matul il-perijodu tal-kuntratt. Il-proposta kienet tinkludi informazzjoni dwar il-benefiċċji annwali medji li x'aktarx kienu jinkisbu abbażi ta' primjums attwalment imħallsa. F'dak il-kuntest, l-informazzjoni pprovduta indikat li d-differenzi bejn ir-rendiment li kellu jiġi mistenni mill-investimenti b'mod ġenerali u r-rendiment ikkalkulat bl-użu tal-primjums attwali mħallsa kienu jiddependu mir-riskji assigurati u mill-ispejjeż pagabbli, kif ukoll minn xi tip ta' kopertura addizzjonali.

12 — Ara l-punt 19 iktar 'il quddiem.

18. Il-kuntratt ta' assigurazzjoni għall-ħajja u l-proposta għal investiment flessibbli assigurat kienu jipprovdu li l-assigurat kien responsabbli għar-riskju relatat mal-investiment. L-ittra lil H.W. Van Leeuwen mehmuża mal-proposta kienet spjegat (kif fil-fatt għamlet il-proposta nnifisha u n-nota ta' spjegazzjoni magħha) li fl-investiment flessibbli assigurat, parti mill-primjum imħallas kien jintuża għax-xiri ta' ishma f'fond ta' investiment wieħed jew iktar.

19. H.W. Van Leeuwen jiddikjara li fl-2008, wara li rċieva dikjarazzjoni sommarja minn Nationale-Nederlanden, huwa kien skopra li kważi 60 % tal-primjum li huwa kien ħallas ma kienx intuża għall-investiment: parti kbira kienet intużat għal diversi tipi ta' spejjeż (minbarra l-ispejjeż ta' ġestjoni ta' 0.3 %) u l-parti l-oħra għall-primjum tar-riskju. H.W. Van Leeuwen jilmenta li xejn fl-informazzjoni li huwa kien irċieva ma kien jissuġġerixxi li Nationale-Nederlanden setgħet iżżomm (u, għalhekk, ma tinvestix) parti daqshekk kbira tal-primjum. B'mod partikolari, dik l-informazzjoni ma kinitx tinkludi deskrizzjoni ġenerali separata jew ħjiel tal-ispejjeż attwali u/jew definittivi u tal-istruttura tagħhom.

20. Il-proċess nazzjonali jinkludi dokumenti li jagħtu informazzjoni dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja ta' H.W. Van Leeuwen għall-perijodi mill-10 ta' April 2007 sal-10 ta' April 2008 u mill-10 ta' April 2008 sal-10 ta' April 2009 rispettivament. Jekk dik hija wkoll it-tip ta' informazzjoni li H.W. Van Leeuwen irċieva fl-2008, il-metodu li ġej kien applikat sabiex ikun iddeterminat il-valur tal-ishma fl-investimenti li kienu saru. Għalhekk, għall-perijodu mill-10 April 2007 sal-10 ta' April 2008, il-punt tat-tluq kien il-valur tal-ishma fil-fondi ta' investiment mill-10 ta' April 2007. Ma' dak l-ammont żdiedu l-primjums imħallsa matul dak il-perijodu ta' 12-il xahar. Minn dik is-somma mbagħad kienu mnaqqsa l-primjum tar-riskju, l-ewwel spejjeż u dawk sussegwenti tal-impriża tal-assigurazzjoni u tal-konsulent jew tal-aġent tal-assigurazzjoni, l-ispejjeż ta' ġestjoni, u l-ispejjeż ta' xiri u ta' bejgħ (nassumi, ta' ishma). Il-valur tal-ishma mill-10 ta' April 2008 kien ir-riżultat ta' dik is-somma u tat-telf jew tal-qligħ magħmula mill-ishma matul il-perjodu mill-10 ta' April 2007 sal-10 ta' April 2008. Dik il-figura wara serviet bħala l-punt tat-tluq sabiex ikun iddeterminat il-valur tal-ishma fil-fondi ta' investiment mill-10 ta' April 2009 (bl-applikazzjoni tal-istess metodu).

21. Fit-talba għal deċiżjoni preliminari, ir-Rechtbank Rotterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi) (iktar 'il quddiem il-"qorti tar-rinviju") tiddikjara li, filwaqt li Nationale-Nederlanden kienet osservat l-Artikolu 2(2)(q) u (r) tar-RIAV 1998, hija kienet kisret l-hekk imsejħa "regoli miftuħa", b'mod partikolari l-obbligu ġenerali u/jew partikolari ta' diliġenza fil-kuntest tar-relazzjonijiet kuntrattwali u ta' *bona fede* prekuntrattwali u/jew ir-rekwiżiti ta' raġonevolezza u ta' ekwità, meta naqset li tagħti informazzjoni dwar l-impatt tal-ispejjeż u tal-primjums tar-riskju fuq il-valur tal-investiment.

22. Il-qorti tar-rinviju ssospendiet il-proċeduri u għamlet id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari:

"1. Id-dritt tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(3) tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja, jipprekludi li, abbażi ta' regoli miftuħa u/jew mhux miktuba tad-dritt Olandiż, bħar-raġonevolezza u l-ekwità li jirregolaw ir-relazzjoni (pre)kuntrattwali bejn persuna li tipprovdi assigurazzjoni għall-ħajja u persuna assigurata potenzjali, u/jew l-obbligu ġenerali u/jew partikolari ta' diliġenza, il-persuni li jipprovdu assigurazzjoni għall-ħajja jkunu obbligati jikkomunikaw lill-persuni assigurati iktar informazzjoni dwar l-ispejjeż u l-premiums ta' riskju tal-assigurazzjoni minn dak li ġie preskritt fl-1999 permezz tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Olandiż li jimplementaw it-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja (b'mod partikolari l-Artikolu 2(2)(q) u (r) tar-RIAV [Regeling Informatieverstrekking aan verzekeringnemers] 1998?

2. L-effetti, jew l-effetti possibbli, li d-dritt Olandiż jirrelata man-nuqqas ta' komunikazzjoni ta' din l-informazzjoni, huma rilevanti sabiex tingħata risposta għall-ewwel domanda?"

23. Nationale-Nederlanden, H.W. Van Leeuwen, il-Gvern Awstrijak, Ċek u tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Kummissjoni Ewropea ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. L-istess partijiet, għajr il-Gvern Awstrijak u Ċek, dehru fis-seduta li nżammet fid-19 ta' Marzu 2014.

Analiżi

Osservazzjonijiet preliminari

24. Id-domandi preliminari jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta l-Artikolu 31(3) tat-Tielet Direttiva, li kien jikkonċerna l-faċilità ta' Stat Membru li jeżiġi lill-impriżi tal-assigurazzjoni jagħtu informazzjoni supplimentari fir-rigward ta' dik elenkata fl-Anness II. Madankollu, jekk dik l-informazzjoni kellha xorta waħda tkun ipprovduta, skont l-Artikolu 31(1) u l-punt A tal-Anness II, ma jkunx iktar meħtieġ li jitqies l-Artikolu 31(3). Għalhekk, jekk l-informazzjoni inkwistjoni kienet diġà koperta minn partita tal-punt A tal-Anness II, id-domandi preliminari jkunu ipotetiċi u, minħabba li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tagħtix opinjonijiet ta' konsulenza, hija tista' tirrifjuta li tiddeċiedi fir-rigward ta' rinviju bħal dan [13].

25. Jekk l-informazzjoni nieqsa ma kinitx koperta minn waħda mill-partiti tal-punt A tal-Anness II, il-Qorti tal-Ġustizzja qegħda tintalab tqis jekk l-Artikolu 31(3) kienx jipprekludi lil Stat Membru milli juża regoli "miftuħa" u/jew mhux miktuba skont id-dritt nazzjonali għall-finijiet li jeżerċità l-għażla prevista f'dik id-dispożizzjoni; u mbagħad dik id-domanda ma tibqax ipotetika iktar. It-tieni domanda hija dwar jekk l-effetti li d-dritt nazzjonali jorbot man-nuqqas li tkun ipprovduta informazzjoni għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni fir-risposta għall-ewwel domanda; din tista' konvenjentement titqies mal-ewwel domanda.

26. Nistqarr li, anki wara li kkonsultajt il-proċess nazzjonali, insibha bi tqila nifhem preċiżament kif l-assigurazzjoni inkwistjoni hawnhekk kienet taħdem. B'xorti tajba, ma naħsibx li fil-fatt jeħtieġ li wieħed jistinka sabiex jifhem dan għalkollox. Kif naraha jiena, fil-kuntest ta' din il-kawża, il-fatt essenzjali li wieħed għandu jiftakar fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 31(1) tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja huwa li l-benefiċċju li għandu jinkiseb mill-kuntratt jiddependi (parzjalment) mill-primjum imħallas u mill-finijiet li għalihom dak il-primjum jintuża.

L-Artikolu 31(1) tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja

27. Il-fatt dwar jekk l-informazzjoni nieqsa kellhiex tkun ipprovduta lil H.W. Van Leeuwen skont l-Artikolu 31(1) tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja kien ġie diskuss b'mod partikolari waqt is-seduta. Bl-eċċezzjoni tal-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, il-partijiet kollha li dehru kienu tal-fehma li dik l-informazzjoni ma kinitx koperta mill-Artikolu 31(1) u, b'mod partikolari, mill-partita a(10) tal-punt A tal-Anness II [14].

28. L-Artikolu 31 kien fih erba' paragrafi. L-ewwel tnejn kienu jistabbilixxu, rispettivament, obbligi dwar l-informazzjoni li kellha tkun ipprovduta qabel il-konklużjoni tal-kuntratt (l-Artikolu 31(1), li jirreferi għall-informazzjoni elenkata fil-punt A tal-Anness II) u matul il-perijodu tal-kuntratt (l-Artikolu 31(2), li jirreferi għall-informazzjoni elenkata fil-punt B tal-Anness II). L-Artikolu 31(3) kien jikkonċerna l-kundizzjonijiet li fihom l-Istati Membri setgħu jagħżlu li jeżiġu lill-assiguraturi jipprovdu informazzjoni addizzjonali fir-rigward ta' dik elenkata fl-Anness II. L-Artikolu 31(4) kien jindirizza r-regoli ddettaljati għall-implementazzjoni tal-Artikolu 31(1) sa (3) u tal-Anness II.

13 — Ara, pereżempju, is-sentenza Kamberaj, C-571/10, EU:C:2012:233, punti 41 u 42 u l-ġurisprudenza ċċitata.

14 — Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-Kummissjoni dehret li kienet aċċettat li l-informazzjoni setgħet kienet koperta mill-partita a(10); iżda hija dawret il-pożizzjoni tagħha waqt is-seduta.

29. Il-kuntratti ta' assigurazzjoni b'mod ġenerali huma prodotti finanzjarji legalment kumplessi li jistgħu jkunu kunsiderevolment differenti skont min ikun l-assiguratur u li jinvolvu impenji finanzjarji sinjifikattivi u li potenzjalment japplikaw għal żmien twil ħafna. Din hija relazzjoni kuntrattwali li fiha "il-persuna assigurata tinsab f'sitwazzjoni ta' dgħufija [dgħjufija] meta mqabbla mal-assiguratur" [15].

30. L-għan tar-rekwiżiti ta' informazzjoni fl-Artikolu 31 kien li d-detentur tal-polza prospettiv ikun jista' jagħżel il-kuntratt l-iktar adatt għall-ħtiġijiet tiegħu: huwa kellu jirċievi informazzjoni ċara u eżatta dwar il-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti proposti lilu [16]. Id-detentur tal-polza għandu jirċievi informazzjoni preċiża [17]. Kif nifhimha jiena, abbażi ta' dik l-informazzjoni huwa kellu jkun jista' jifhem il-benefiċċji u r-riskji relatati ma' prodott speċifiku propost lilu u jqabbilhom ma' dawk relatati ma' prodotti oħra.

31. L-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta għat-Tielet Direttiva ta' assigurazzjoni għall-ħajja kienet tindika li l-proposta ma "[…] tipproċedi għal ebda armonizzazzjoni tal-liġi sostantiva applikabbli għall-kuntratti u għall-kundizzjonijiet tal-poloz" [18]. Fir-rigward tad-dispożizzjoni dwar it-trasparenza (Artikolu 27 tal-proposta), l-espożizzjoni tal-motivi kienet tindika li jekk il-konsumatur kellu "[…] jikseb profitt sħiħ minn kompetizzjoni ikbar bejn għadd ta' kuntratti li qed jikber, [huwa] għandu jkun ipprovdut b'informazzjoni ċara u eżatta dwar il-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti offruti lilu, kemm matul il-fażi prekuntrattwali sabiex huwa jkun jista' jiġi ggwidat fl-għażla tiegħu, kif ukoll matul il-perijodu tal-kuntratt fil-każ ta' xi bidla jew emenda" [19]. Il-lista ta' informazzjoni fl-Anness II kienet lista minima u l-obbligu li tkun ipprovduta informazzjoni ma kienx maħsub li jillimita l-għażla tal-prodotti disponibbli [20].

32. Għalhekk, il-leġiżlatur ħejja lista ta' partiti ta' informazzjoni dwar l-impriża tal-assigurazzjoni u dwar l-impenn li għandha tiġi pprovduta lid-detentur tal-polza prospettiv. Meta l-Artikolu 31(1) jinqara flimkien mal-premessa 23 u mal-Artikolu 31(3), jirriżulta ċar li dik il-lista (fil-kolonna fil-lemin tat-tabella fil-punt A tal-Anness II) tkopri informazzjoni dwar elementi essenzjali tal-impenn. It-test tal-Artikolu 31(1) għamilha ċara li "għall-inqas" [traduzzjoni mhux uffiċjali] għandha tkun ipprovduta dik l-informazzjoni. Madankollu, jista' jkun hemm informazzjoni oħra li kienet "neċessarja" [traduzzjoni mhux uffiċjali] fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 31(3) sabiex jinftehmu l-elementi essenzjali tal-impenji. Bla ħsara għall-kundizzjonijiet stabbiliti hemmhekk, l-Istati Membri kellhom l-għażla li jeżiġu li tali informazzjoni għandha tingħata wkoll lil detentur ta' polza prospettiv.

33. F'dak l-isfond, ngħaddi għall-kategoriji ta' informazzjoni li kienu elenkati fil-punt A tal-Anness II. Kif naraha jiena, żewġ partiti huma rilevanti.

34. Skont il-partiti a(4) u a(10), l-informazzjoni dwar l-impenn kellha tinkludi "[d]efinizzjoni ta' kull benefiċċju u ta' kull għażla" [traduzzjoni mhux uffiċjali] u "[i]nformazzjoni dwar il-primjums għal kull benefiċċju, kemm għall-benefiċċji ewlenija kif ukoll għall-benefiċċji supplimentari, fejn adatt" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

15 — Sentenza Endress, C-209/12, EU:C:2013:864, punt 29. Ara wkoll l-punt 45 tal-konklużjonijiet tiegħi f'dik il-kawża (EU:C:2013:472). Bħala parti mill-protezzjoni ta' dik il-parti dgħajfa, hemm dritt ta' kanċellament: ara l-Artikolu 15 tat-Tieni Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja.

16 — Premessa 23 tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja. Ara wkoll is-sentenza Axa Royale Belge, C-386/00, EU:C:2002:136, punt 20. Ara wkoll il-punt 59 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Endress, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16 iktar 'il fuq.

17 — Sentenza Endress, iċċitata iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, iktar 'il fuq, punt 25.

18 — Espożizzjoni tal-motivi tal-proposta għat-Tielet Direttiva tal-Kunsill li tikkoordina l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi relatati mal-assigurazzjoni diretta għall-ħajja u li temenda d-Direttivi 79/267/KEE u 90/619/KEE, COM(91) 57 finali (ĠU C 99, p. 2), p. 6 ("il-memorandum ta' spjegazzjoni").

19 — Espożizzjoni tal-motivi, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19 iktar 'il fuq, p. 29.

20 — Espożizzjoni tal-motivi, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19 iktar 'il fuq, p. 29.

35. B'mod konsistenti mad-distinzjoni magħmula bejn l-assigurazzjoni għall-ħajja u l-assigurazzjoni supplimentari sottoskritta b'mod supplimentari mal-assigurazzjoni għall-ħajja [21], iż-żewġ partiti a(4) u a(10) kienu jipprovdu li l-kuntratt ta' assigurazzjoni għall-ħajja seta' jipprovdi għal bosta benefiċċji. Kull benefiċċju kellu jkun iddefinit u, b'rabta ma' kull wieħed minn dawn il-benefiċċji, kellha tingħata informazzjoni dwar il-primjum.

36. Madankollu, t-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-Ħajja ma ddefinixxietx il-kliem "benefiċċju" [traduzzjoni mhux uffiċjali] u "primjums" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Lanqas it-test tal-partiti fil-punt A tal-Anness II ma rrefera għall-"ispejjeż" [traduzzjoni mhux uffiċjali] jew għall-"primjums tar-riskju" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

37. Kif nifhimha jiena, fl-għamla l-iktar sempliċi tagħha, assigurazzjoni għall-ħajja hija kuntratt li bih l-assiguratur ikun responsabbli jħallas lill-benefiċjarju ammont garantit (u possibbilment jkopri ċerti spejjeż) jekk l-assigurat (li jista' jkun, iżda li mhux neċessarjament għandu jkun, id-detentur tal-polza) imut matul il-perijodu tal-assigurazzjoni. Il-benefiċċju li għandu jinkiseb mill-assigurazzjoni għall-ħajja huwa l-kopertura ta' assigurazzjoni għall-perijodu tal-assigurazzjoni għall-ħajja, li għalhekk jinkludi dak il-ħlas fil-każ ta' mewt. Bid-differenza minn ħafna tipi oħra ta' kuntratti ta' assigurazzjoni, l-assigurazzjoni għall-ħajja ma tassigurax kontra riskju inċert: kulħadd imut. L-inċertezza hija dwar jekk il-mewt iseħħx matul il-perijodu tal-kopertura tal-assigurazzjoni. L-assigurazzjoni tipprovdi ċertu livell ta' kumpens finanzjarju sabiex jiġi koprut id-dannu finanzjarju li jirriżulta minn dik il-mewt.

38. Il-primjum huwa l-prezz miftiehem li għandu jitħallas mill-ewwel jew minn żmien għal ieħor inkambju għall-kopertura tal-assigurazzjoni. Jekk l-ammont tal-benefiċċju ggarantit ikun fiss, l-użijiet separati ta' partijiet mill-primjum ftit għandhom ċans ikunu essenzjali għall-għażla ta' liema prodott ta' assigurazzjoni għall-ħajja jinxtara. Il-primjum jista' jkopri, pereżempju, il-profitt li l-assiguratur ikun jixtieq jagħmel, l-ispejjeż u l-ammont meħtieġ sabiex ikunu ffinanzjati l-pretensjonijiet mal-mewt skont id-dispożizzjonijiet tekniċi tal-assiguratur [22]. Madankollu, aspetti bħal dawn jaffettwaw ir-riskju li l-assiguratur, pjuttost milli d-detentur tal-polza, għandu. Pereżempju, jekk l-assigurat jgħix iktar fit-tul, fil-prinċipju r-riskju ta' mewt imminenti jiżdied. Fl-istess waqt, jinġabar iktar kapital sabiex jiġi ffinanzjat il-ħlas tal-benefiċċju u l-ispiża finanzjarja (għall-assiguratur) assoċjata mal-fatt li huwa jkollu dak ir-riskju aktarx tonqos. B'hekk il-primjum tar-riskju fih innifsu jista' jonqos. Madankollu, jekk il-kuntratt ikun jipprovdi għal pagamenti fissi u regolari tal-primjum, l-informazzjoni dwar l-evoluzzjoni tal-użu ta' parti waħda tal-premium (b'rabta ma' partijiet oħra użati għal raġunijiet oħra) ftit għandha ċans li taffettwa l-għażla tad-detentur tal-polza fir-rigward ta' prodott tal-assigurazzjoni, minħabba li l-primjum li jkollu jitħallas u l-benefiċċju li jkollu jingħata jibqgħu kostanti tul il-perijodu kollu tal-kuntratt. Id-detenturi tal-poloz prospettivi mhux dejjem jeħtiġilhom ikunu jafu kif jevolvu l-użijiet tal-partijiet differenti tal-primjum sabiex ikunu jistgħu jqabblu l-prodotti tal-assigurazzjoni għall-ħajja u jieħdu deċiżjoni informata dwar liema prodott jixtru.

39. Fuq dik il-bażi, ma nqisx li l-partiti a(4) u a(10) fil-punt A tal-Anness II jistgħu jinqraw bħala li jfissru li l-informazzjoni dwar il-finijiet differenti li għalihom il-primjum jintuża tikkostitwixxi informazzjoni dwar element essenzjali tal-impenn li kellha tkun ipprovduta lid-detentur tal-polza fiċ-ċirkustanzi kollha u fir-rigward tat-tipi kollha ta' kuntratt. Ma nara ebda bażi testwali għal obbligu bħal dan ġeneralment applikabbli. Dan lanqas ma jirriżulta mill-objettiv ġenerali tal-obbligi ta' informazzjoni tal-Artikolu 31.

40. Madankollu, il-fatt li dak l-obbligu ma japplikax fiċ-ċirkustanzi kollha ma jfissirx li dan ma jistax japplika f'xi ċirkustanzi.

21 — Ara l-Artikolu 1(c) tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja moqri flimkien mal-Artikolu 1(a) u (c) tal-Ewwel Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja. Ara wkoll il-punt 2 iktar 'il fuq.

22 — Ara, pereżempju, l-Artikolu 17 tal-Ewwel Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja kif emendat bl-Artikolu 18 tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja.

41. Dan huwa speċjalment il-każ hawnhekk minħabba li t-test tal-partita a(10) ikkwalifika l-obbligu li tkun ipprovduta informazzjoni dwar il-primjum għal kull benefiċċju, li kellha tingħata definizzjoni tiegħu skont il-partita a(4), bil-frażi "fejn adatt" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Il-punt dwar jekk l-informazzjoni dwar il-primjum li jkollu jitħallas għal benefiċċju ddefinit kinitx "adatt[a]" [traduzzjoni mhux uffiċjali] kellu jiddependi, fl-opinjoni tiegħi, minn x'kien speċifikament meħtieġ sabiex id-detentur tal-polza prospettiv jifhem l-elementi essenzjali tal-prodott partikolari li jkun offrut u b'hekk jiddeċiedi jekk jixtrihx jew le[23]. Għalhekk, għandhom jitqiesu t-tip u n-natura tal-prodott propost meta tkun qegħda tiġi ddeterminata l-portata tal-obbligu fil-partita a(10), meta din tinqara flimkien mal-partita a(4), fir-rigward tal-prodott offrut.

42. Dan xi jfisser għal kuntratt ta' assigurazzjoni għall-ħajja tat-tip konkluż minn H.W. Van Leeuwen?

43. It-tip tal-kuntratt ta' assigurazzjoni għall-ħajja ta' H.W. Van Leewen huwa differenti mill-mudell sempliċi li jiena ddeskrivejt. Essenzjalment il-kuntratt tiegħu jiġbor flimkien assigurazzjoni għall-ħajja u investiment, magħquda flimkien fl-istess prodott. (F'dan il-każ l-element tal-assigurazzjoni għall-ħajja huwa fih innifsu marbut ma' self ipotekarju meħud minn H.W. Van Leeuwen.) Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat — fatt li ma huwiex ikkontestat hawnhekk — li kuntratt li jgħaqqad assigurazzjoni għall-ħajja ma' investiment jaqa' taħt il-klassi tal-assigurazzjoni għall-ħajja[24].

44. Il-partijiet kollha jidhru li jaqblu wkoll li kuntratt ta' assigurazzjoni għall-ħajja ta' H.W. Van Leeuwen ikopri riskju wieħed u jiggarantixxi benefiċċju wieħed, u li l-ammont ta' dan tal-aħħar jista' jvarja skont meta huwa jmut. Għalhekk, din ma hijiex sitwazzjoni fejn hemm benefiċċji ewlenin u supplimentari fis-sens tal-partita a(10). Hemm benefiċċju wieħed relatat ma' riskju wieħed. Madankollu, hemm żewġ metodi alternattivi ta' kif ikun iddeterminat il-livell tal-benefiċċju: il-benefiċċju A huwa ammont fiss u garantit (il-mudell sempliċi ta' assigurazzjoni għall-ħajja), filwaqt li l-benefiċċju B huwa varjabbli.

45. Kif naraha jiena, id-definizzjoni tal-portata tal-obbligu taħt il-partita a(10), moqrija flimkien mal-partita a(4), fil-punt A tal-Anness II, fir-rigward tal-assigurazzjoni għall-ħajja tat-tip iffirmata minn H.W. Van Leeuwen ma tiddependix minn jekk wieħed jifhimx fid-dettall il-metodu eżatt użat sabiex ikun iddeterminat il-benefiċċju B.

46. Abbażi tat-talba għal deċiżjoni preliminari u tal-osservazzjonijiet magħmula waqt is-seduta, għall-ewwel fhimt li l-metodu kien jikkonsisti fit-tnaqqis kull xahar ta' diversi tipi ta' spejjeż u tal-primjum tar-riskju mill-primjum imħallas u fil-ħlas tal-bilanċ fil-fondi ta' investiment magħżula. Madankollu, wara li kont eżaminajt l-informazzjoni dwar il-perijodu 2007-2009 fil-proċess nazzjonali, deherli li kien applikat metodu differenti: dan it-tnaqqis sar mill-valur tal-ishma f'fondi ta' investiment flimkien mal-primjums imħallsa matul sena; sussegwentement kien miżjud it-telf jew il-qligħ mill-investimenti matul dik is-sena sabiex ikun iddeterminat il-valur ġdid tal-ishma.

47. Kien x'kien il-metodu preċiż użat, jidher ċar għalija — u dan huwa l-punt essenzjali — li l-użijiet differenti magħmula mill-primjum jistgħu jaffettwaw il-livell tal-benefiċċju B.

48. Jekk inwarrbu r-riskji ġenerali li għalihom huwa suġġett kull investiment, huwa ċar li l-ammont investit (il-kapital) x'aktarx li jaffettwa l-valur tal-investimenti magħmula u eventwalment l-ammont tal-qligħ (jew tat-telf) li jkun mistenni. Meta dak il-kapital ikun jiddependi minn x'użijiet oħra jkunu saru mill-primjum imħallas u meta l-valur ta' dawk l-investimenti jiddetermina l-benefiċċju

23 — F'dak ir-rigward il-premessa 23 tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja tirreferi għall-prodotti *proposti* lil konsumatur. Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża Axa Royale Belge, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17 iktar 'il fuq, punti 25 u 26.

24 — Ara, pereżempju, is-sentenza González Alonso, C-166/11, EU:C:2012:119, punti 29 sa 31. Il-punt A tal-Anness II jikkonferma li t-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja tapplika għal prodotti mħallta bħal dawn: skont il-partiti a(11) u a(12) fil-punt A tal-Anness II, id-definizzjoni tal-unitajiet li magħhom il-benefiċċji huma marbuta u indikazzjoni tan-natura tal-assi bażiċi huma informazzjoni li għandha tingħata lid-detenturi tal-poloz prospettivi.

tal-assigurazzjoni għall-ħajja, l-Artikolu 31(1) tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja, flimkien mal-partiti a(4) u a(10) tal-punt A tal-Anness II, kienu jeħtieġu li l-informazzjoni dwar il-primjum u d-definizzjoni tal-benefiċċju jkunu iddettaljati biżżejjed sabiex id-detentur tal-polza prospettiv ikun jista' jifhem ir-rabta bejn il-primjum u l-benefiċċju, l-użijiet differenti tal-primjum u l-kriterji li jaffettwaw l-ammont tal-primjum li jkun intuża għall-investiment u għall-għanijiet l-oħra rispettivament.

49. Kif naraha jiena, mingħajr dik l-informazzjoni ċara u eżatta detentur ta' polza prospettiv ma setax ikun ħa deċiżjoni informata dwar liema kuntratt kien l-iktar adatt għal ħtiġijiet tiegħu, ma setax ikun apprezza r-riskju tal-investiment li mbagħad ikun affettwa l-benefiċċju li huwa (jew il-benefiċjarji tal-assigurazzjoni għall-ħajja tiegħu) seta' jistenna li jikseb mill-assigurazzjoni għall-ħajja u ma setax, fejn ikun rilevanti, ikun qabbel riskji u benefiċċji bħal dawk ma' prodotti simili oħra offruti.

50. Id-detentur tal-polza prospettiv, għalhekk, kellu jkun informat dwar kif l-assiguratur seta', skont il-kuntratt, juża l-primjum u jiddeċiedi liema parti kienet investita. Minħabba t-tip u n-natura tal-kuntratt, dawk l-użijiet kienu *għar-riskju tiegħu* u mhux biss għar-riskju tal-assiguratur.

51. Nikkonkludi li f'ċirkustanzi fejn l-użijiet magħmula mill-primjum ma jistgħux ikunu ddefiniti b'riferiment għal ammonti jew għal perċentwali assoluti, il-kriterji użati sabiex ikun iddeterminat l-ammont tal-primjum użat għal għan wieħed jew għal ieħor għandhom ikunu stabbiliti b'mod ċar u eżatt fl-informazzjoni mogħtija qabel il-konklużjoni tal-kuntratt ta' assigurazzjoni għall-ħajja kif mitlub mill-Artikolu 31(1) tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja u mill-partiti a(4) u a(10) tal-punt A tal-Anness II. Il-liġi nazzjonali għandha tkun interpretata fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet.

52. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx ma' din il-konklużjoni, jiena issa ser ngħaddi għall-Artikolu 31(3) (li huwa s-suġġett tad-domandi speċifiċi rrinvijati).

L-Artikolu 31(3) tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja

53. Permezz tad-domandi tagħha l-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 31(3) tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja jipprekludix l-użu ta' regoli "miftuħa" u/jew mhux miktuba tad-dritt nazzjonali li jobbligaw lill-assiguratur jipprovdi informazzjoni minbarra dik elenkata fil-punt A tal-Anness II[25].

54. Il-qorti tar-rinviju ma ddefinixxietx jew ma ddistingwixxietx b'mod ċar ir-regoli "miftuħa" u/jew "mhux miktuba" taħt id-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi. Hija identifikat, bħala eżempju, "ir-raġonevolezza u l-ekwità li jirregolaw ir-relazzjoni (pre)kuntrattwali bejn min jipprovdi l-assigurazzjoni għall-ħajja u d-detentur tal-polza prospettiv, u/jew l-obbligu ġenerali u/jew partikolari ta' diliġenza". Għall-finijiet ta' dan il-każ, ser inqis li regoli bħal dawn huma regoli tad-dritt li ma humiex dawk li jinsabu f'leġiżlazzjoni, filwaqt li wieħed għandu jiftakar li regoli bħal dawn jista' jkollhom funzjonijiet u valur legali differenti fis-sistemi legali tal-Istati Membri differenti.

55. Xi partijiet fehmu l-ewwel domanda bħala li tirreferi għall-kwistjoni jekk prinċipji ġenerali humiex għamla ta' *implementazzjoni* li tista' timplementa b'mod sħiħ il-kontenut tal-obbligu taħt l-Artikolu 31(3) tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja.

56. Jiena nara l-kwistjoni b'mod differenti.

25 — Kwistjonijiet relatati kienu indirizzati mill-Qorti tal-EFTA fis-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2013, Koch, [2013] (E-11/12, li għadha ma ġietx ippubblikata), fejn hija ddeċidiet li: "[…] bla ħsara għal dispożizzjonijiet oħra, u sakemm ma tiġix ippreġudikata l-effettività tagħhom, [it-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja] u d-Direttiva 2002/83 ma jipprekludux lill-Istati taż-ŻEE milli japplikaw il-prinċipji ġenerali tad-dritt nazzjonali dwar il-kuntratti sabiex jistabbilixxu obbligu li jingħata parir dwar strumenti finanzjarji kumplessi, bħall-assigurazzjoni għall-ħajja, mibjugħa lil konsumaturi […]" (punt 77).

57. L-Artikolu 31(3) ma kienx jeħtieġ implementazzjoni fiha nnifisha. L-Istati Membri ma kellhom ebda obbligu li jittrasponu l-Artikolu 31(3) fid-dritt nazzjonali; imma jekk huma kienu jieħdu vantaġġ mill-għażla li dan kien joffrilhom, huma kien ikollhom ukoll josservaw il-limiti stabbiliti f'dik id-dispożizzjoni. Il-kwistjoni hawnhekk hija, għalhekk, jekk dik l-għażla setgħetx tkun eżerċitata permezz tal-applikazzjoni ta' regoli tad-dritt minbarra leġiżlazzjoni.

58. Fil-kawża Axa Royale Belge, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fid-dawl tal-intenzjoni tal-leġiżlatur li ma jirristrinġixxix bla bżonn l-għażla tal-prodotti tal-assigurazzjoni offruti fis-suq intern, "l-informazzjoni addizzjonali li l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu skont l-[Artikolu 31(3)] għandha tkun ċara, eżatta u neċessarja sabiex jinftiehmu sewwa l-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti tal-assigurazzjoni proposti lid-detentur tal-polza" [26].

59. Għalhekk, id-dritt ta' detentur ta' polza li jirċievi (u l-obbligu korrispondenti tal-assiguratur li jipprovdi) informazzjoni minbarra dik deskritta fl-Artikolu 31(1) u elenkata fil-punt A tal-Anness II jiddependi minn deċiżjoni ta' Stat Membru li jeżerċita l-għażla taħt l-Artikolu 31(3) f'konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija hemmhekk.

60. B'mod partikolari, id-dritt ta' Stat Membru li jeħtieġ informazzjoni addizzjonali bħal din jiddependi (i) mill-objettiv tal-informazzjoni (jekk l-informazzjoni meħtieġa kinitx "neċessarja" [traduzzjoni mhux uffiċjali] sabiex jinftiehmu sewwa l-karatteristiċi essenzjali ta' prodotti tal-assigurazzjoni offruti lid-detentur tal-polza prospettiv) u (ii) mill-kontenut tal-informazzjoni (jekk l-informazzjoni li l-Istat Membru jeħtieġ hijiex "ċara" [traduzzjoni mhux uffiċjali] u "eżatta" [traduzzjoni mhux uffiċjali]). Iż-żewġ kundizzjonijiet huma relatati. Jekk l-informazzjoni tkun ġenerali u vaga, hija ma tkunx informazzjoni li kienet neċessarja għall-finijiet deskritti fl-Artikolu 31(3). Dan intwera fis-sentenza Axa Royale Belge stess [27].

61. Kif naraha jiena, it-test tal-Artikolu 31(3) ma jillimitax jew jippreskrivi l-*forma* tal-miżura li permezz tagħha l-għażla taħt dik id-dispożizzjoni setgħet tkun eżerċitata.

62. Is-sors tal-liġi nazzjonali użat sabiex tkun eżerċitata l-għażla fl-Artikolu 31(3) għalhekk kellu jkun tali li jkun possibbli li jkunu stabbiliti l-objettiv u l-kontenut tal-informazzjoni. Jekk le ikun impossibbli li tiġi vverifikata tal-konformità tal-Istati Membri mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 31(3) u li tkun iggarantita ċertezza legali suffiċjenti. Għalhekk id-dritt nazzjonali kellu jidentifika b'ċarezza u b'ċertezza l-informazzjoni li assiguratur kellu jipprovdi u li detentur ta' polza seta' jistenna li jirċievi. Sakemm dawk il-kundizzjonijiet kienu ssodisfatti, it-test tal-Artikolu 31(3) tat-Tielet Direttiva dwar l-Assigurazzjoni għall-ħajja ma kienx jillimita l-għażla tal-Istati Membri li jeskludu regoli tad-dritt minbarra leġiżlazzjoni.

63. Dik il-pożizzjoni ma hijiex affettwata mill-konsegwenzi taħt id-dritt nazzjonali tan-nuqqas li tkun ipprovduta informazzjoni lid-detentur tal-polza. Interpretazzjoni f'dan il-każ tal-Artikolu 31 tat-Tielet Direttiva dwar l-Assigurazzjoni għall-ħajja "tikkjarifika u tispeċifika t-tifsira u l-portata ta' din id-dispożizzjoni, hekk kif kellha tinftiehem u tiġi applikata sa mill-mument tad-dħul fis-seħħ tagħha" [28]. Għandu jkun hemm distinzjoni bejn din l-interpretazzjoni tad-dritt tal-UE u l-effett li għandu jingħata lil dik l-interpretazzjoni skont id-dritt tal-UE u d-dritt nazzjonali [29]. Id-direttivi tal-UE għandhom jingħataw interpretazzjoni uniformi u awtonoma fl-Unjoni Ewropea kollha [30]. Sakemm ma jirreferux

26 — Sentenza Axa Royale Belge, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, iktar 'il fuq, punt 24.

27 — Axa Royale Belge, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, iktar 'il fuq, punti 27 sa 30.

28 — Sentenza Endress, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, iktar 'il fuq, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata.

29 — F'ċirkustanzi eċċezzjonali l-implikazzjonijiet ta' dik l-interpretazzjoni jistgħu jirriżultaw f'limitazzjoni tal-effetti *ratione temporis* ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Iżda, f'dan il-każ, ma ġew prodotti ebda provi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li juru l-ħtieġa li jsir hekk. Ara, pereżempju, Endress, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, iktar 'il fuq, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata.

30 — Ara, pereżempju, is-sentenza Malaysia Dairy Industries, C-320/12, EU:C:2013:435, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata.

jew inkella ma jiddipendux fuq id-dritt nazzjonali, il-konsegwenzi taħt id-dritt nazzjonali li tkun ippreferuta interpretazzjoni waħda ta' dawk id-direttivi minn interpretazzjoni oħra ma humiex rilevanti għall-interpretazzjoni tagħhom. Kieku dak ma kienx hekk, l-interpretazzjoni uniformi u s-supremazija tad-dritt tal-UE jisfaw f'riskju. Fl-opinjoni tiegħi, ir-risposta għat-tieni domanda hija, għalhekk, "le".

64. Il-punt dwar jekk regoli "miftuħa" u/jew "mhux miktuba" tad-dritt nazzjonali jistgħux jiddefinixxu, għall-finijiet tal-Artikolu 31(3), informazzjoni addizzjonali li kienet "ċara, eżatta u neċessarja sabiex jinftiehmu sewwa l-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti ta' assigurazzjoni proposti lid-detentur tal-polza" (il-kriterju fis-sentenza Axa Royale Belge) ma huwiex, jidhirli jiena, domanda li tista' tiġi risposta fl-astratt. Regoli bħal dawn jistgħu (pereżempju) ikunu prinċipji ġenerali tad-dritt f'sistema legali partikolari, jew regoli speċifiċi għal tip partikolari ta' operazzjoni (bħalma huwa l-prinċipju, li jinsab f'għadd ta' sistemi legali tal-UE, li l-kuntratti ta' assigurazzjoni huma *uberrimae fidei*). Huwa ftit probabbli, fis-sens litterali, li dawn ikunu regoli "mhux miktuba"; iżda jistgħu tassew ikunu "regoli mhux ikkodifikati" u/jew regoli li joħorġu mill-ġurisprudenza. Kif joperaw speċifikament, u b'liema grad ta' ċarezza, ta' preċiżjoni u ta' previżjoni dawn jimponu obbligi fuq parti jew oħra ta' operazzjoni jiddependi mis-sistema legali partikolari involuta. F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju ma pprovdietx lill-Qorti tal-Ġustizzja bi spjegazzjoni ddettaljata ta' xi jfissru f'termini legali "ir-regoli 'miftuħa' u/jew mhux miktuba tad-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi — bħar-raġonevolezza u l-ekwità li jirregolaw ir-relazzjoni (pre)kuntrattwali bejn min jipprovdi assigurazzjoni għall-ħajja u detentur ta' polza prospettiv, u/jew l-obbligu ġenerali u/jew partikolari ta' diliġenza" jew kif dawn joperaw fid-dritt nazzjonali. F'dawk iċ-ċirkustanzi, ma nieħu ebda pożizzjoni dwar jekk dawk ir-regoli speċifiċi jistgħu, jew ma jistgħux, jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 31(1) tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja.

Konklużjoni

65. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, jiena tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi d-domandi mressqa mir-Rechtbank Rotterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi) kif ġej:

Skont l-Artikolu 31(1) u l-partita a(10) moqrija flimkien mal-partita a(4) fil-punt A tal-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 92/96/KEE, tal-10 ta' Novembru 1992, li tikkoordina il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi relatati mal-assigurazzjoni diretta għall-ħajja, u li temenda d-Direttivi 79/267/KEE u 90/619/KEE, detentur ta' polza prospettiv li jkun qiegħed ifittex sabiex jixtri prodott ta' assigurazzjoni għall-ħajja b'komponent ta' investiment, li fih tkun investita parti mill-primjum, kellu jingħata, qabel il-konklużjoni tal-kuntratt ta' assigurazzjoni għall-ħajja, informazzjoni dwar il-primjum u d-definizzjoni tal-benefiċċju sabiex huwa jkun jista' jifhem ir-rabta bejn il-primjum u l-benefiċċju, l-użijiet differenti tal-primjum u l-kriterji li jaffettwaw l-ammont tal-primjum li jintuża għall-investiment u għal għanijiet oħra.

L-Artikolu 31(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/96 ma kienx jipprekludi lill-Istati Membri milli jeżerċitaw l-għażla msemmija fih permezz ta' regoli "miftuħa" u/jew mhux miktuba sakemm jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dik id-dispożizzjoni. Dik il-konklużjoni ma hijiex affettwata mill-konsegwenzi taħt id-dritt nazzjonali tan-nuqqas li tkun ipprovduta l-informazzjoni meħtieġa qabel il-konklużjoni tal-kuntratt ta' assigurazzjoni għall-ħajja.